

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

P6_TA(2006)0608

Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-Titoli

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implikazzjonijiet ta' l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-Titoli

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' The Hague dwar il-liġi applikabbli għal ċertu drittijiet fir-rigward ta' titoli miżmuma minn intermedjarju (minn hawn 'il quddiem imsejja "Il-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli") u r-rapporti ta' spjegazzjoni tagħha,
 - wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2003)0783) dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli,
 - wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti legali tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli (Kumment: Ara, http://ec.europa.eu/internal_market/financial-markets/docs/hague/summary_mt.pdf),
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli ⁽²⁾, u b'mod speċifiku l-Artikolu 9(2) tagħha,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 u l-Artikolu 31, it-tielet inċiż, tagħha,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2005 ⁽⁴⁾ dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-ħidma tal-Konferenza ta' The Hague wara l-adeżjoni tal-Komunità ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2003 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Il-mekkaniżmi ta' kklerjar u ta' ħlas fl-Unjoni Ewropea - Problemi prinċipali u sfidi għall-ġejjieni" ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u (3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli mhix kompatibbli mad-Direttivi 2002/47/KE, 98/26/KE u 2001/24/KE,
- B. billi l-Kummissjoni, b'konsegwenza ta' dan, qed tipproponi r-reviżjoni ta' dawn it-tliet direttivi, li ġew adottati fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew,
- C. billi dawn id-direttivi stabbilixxew prinċipju magħruf bħala PRIMA (Approċċ relatat mal-Post ta' l-Intermedjarju Relevanti) bl-għan li tiġi żgurata iċ-ċertezza legali tal-ħlasijiet u superviżjoni effettiva ta' l-intermedjarji finanzjarji,
- D. billi, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni tad-drittijiet materjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-propjetà, mad-dritt għall-vot u mad-drittijiet u l-obbligi tad-depożitarji ċentrali fir-rigward tad-detenturi ta' kontijiet, u b'mod partikolari tad-distinzjoni bejn l-assi miżmuma fisimhom stess u dawk miżmuma fisem klijent, hemm bżonn li, qabel ma jiġi abbandunat il-prinċipju PRIMA, jiġi kkonsultat effettivament il-Parlament Ewropew, fuq il-bażi ta' eżami preliminari fil-fond mill-kumitati kollha kkonċernati tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.

⁽²⁾ ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

⁽³⁾ ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU C 81, 2.4.2005, p. 10.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0353.

⁽⁶⁾ ĠU C 38 E, 12.2.2004, p. 265.

- E. billi l-kunsens tal-Parlament Ewropew huwa meħtieġ għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' The Hague,
1. Ifakkar fil-ħtieġa ta' kontroll demokratiku tan-negozjati mwettqa fi ħdan il-Konferenza ta' The Hague dwar it-titoli;
 2. Jenfasizza fuq il-ħtieġa għal konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew qabel ir-ratifika, b'mod partikolari dwar l-abbozzi tal-mandati għan-negozjazzjoni u l-ħtieġa tal-klawżoli għat-tneħħija tal-konnessjonijiet;
 3. Ifakkar fl-impenn tiegħu mal-prinċipju PRIMA, mad-definizzjoni ta' qafas komuni biex jitwettqu l-attivitajiet ta' kkljarjar u ta' ħlas, mal-ġlieda effettiva kontra *l-money laundering* u mar-rispett ta' intenzjonijiet għall-votazzjoni tal-partijiet interessati;
 4. Iqis li hu kruċjali li tiġi assigurata sigurtà legali *ex ante* f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġi applikabbli għal ċertu kwistjonijiet dwar iż-żamma, il-perfezzjoni u d-dispożizzjoni ta' titoli kkreditati f'kont mużmum minn intermedjarji kif ukoll il-garanziji kostitwiti fuq titoli ta' dan it-tip, f'kuntest internazzjonali u li jitnaqqsu r-riskji sistematiċi li jistgħu jirriżultaw f'incertezzu f'dan ir-rigward;
 5. Juri t-tħassib kbir tiegħu fir-rigward tar-riżervi espressi f'diversi okkażjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew rigward ir-riskju sistematiku u f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskju ta' tkabbir esponenzjali ta' litigazzjoni dwar l-infurzar ta' titoli, waqt liema qrati jkollhom japplikaw liġi barranija bil-għan, *inter alia* li jiġi ddeterminat il-grad tat-titolu;
 6. Iqis li l-aspetti ta' proprjeta' tat-titoli kollha kkreditati fil-kontijiet tal-parteċipanti fi ħdan is-sistema għandhom jiġu regolati minn sistema legali unika, u bl-istess mod, li sistema legali waħda għandha tirregola l-aspetti kontrattwali tar-relazzjoni bejn is-sistema u kull parteċipant fiha, bl-għan li jitħarsu n-natura definitiva ta' l-attivitajiet, is-sigurtà u t-trasparenza tas-sistema;
 7. Iqis li l-iżgurar tas-sigurtà tat-tranżazzjonijiet intra-Ewropej għandhom jieħdu preċedenza fuq is-semplifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja;
 8. Jiddispaċiħ li n-natura mhix xierqa tat-test ta' realtà (l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli) u l-eżenzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġijiet tal-politika pubblika (l-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli) tirriskja li titħeġġeġ l-għażla tal-liġijiet l-anqas restrittivi u li jinħolqu distorsjonijiet fis-suq intern tas-servizzi finanzjarji;
 9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżentalu studju ta' l-impatt komprensiv dwar il-konsegwenzi li l-adeżjoni għall-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli ġġib għal-liġi u l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea; dan l-istudju għandu, b'mod partikolari, jispeċifika l-konsegwenzi fiskali ta' l-adeżjoni għall-Konvenzjoni, il-konsegwenzi marbuta mat-trasferimenti ta' riskji bejn entitajiet (depożitarji ċentrali, banek, depożitanti) li jirriżultaw mill-abbandun tal-prinċipju PRIMA, il-konsegwenzi fuq l-eżerċitar tad-dritt għall-vot marbut mat-titolu, l-effetti fuq ir-remunerazzjoni tas-sid aħħari tat-titoli, il-ġlieda kontra l-abbużi tas-suq, il-ġlieda kontra *l-money laundering* u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, l-effettività tas-sistema ta' kkljarjar u ħlas, u l-identifikazzjoni tar-riskji ta' insolvenza ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu;
 10. Jitlob li dan l-istudju ta' impatt jiġi adottat mill-Kulleġġ tal-Kummissarji qabel il-Konvenzjoni ta' The Hague dwar it-titoli tiġi implementata f'isem l-UE;
 11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-